

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#)

## Spejjeż

Jekk ċittadin jipprevedi r-rikors il-qorti jew jixtieq eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti, irid ikun hemm informazzjoni disponibbli dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti fl-Istat Membri rilevanti.

L-ispejjeż tal-kawżi fil-qasam ċivili u f'dak kummerċjali huma rregolati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ispejjeż mhumiex armonizzati fuq il-livell tal-UE. B'hekk l-ispejjeż ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor.

Sabiex tikseb informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti fl-Istati Membri, kif ukoll dwar diversi studji ta' każijiet li twettqu f'isem il-Kummissjoni Ewropea, jekk jogħġbok agħżel waħda mill-bnadar elenkati fuq il-lemin.

Jekk m'għandekx biżżejjed riżorsi finanzjarji biex tħallas l-ispejjeż ta' kawża l-qorti tista' tapplika biex tingħata l-[għajjnuna legali](#).

Tista' tikseb iktar informazzjoni mill-istudju mehmuż (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż biss) li sar sabiex ikunu identifikati s-sorsi tal-ispejjeż tal-proċedimenti ġudizzjarji ċivili f'kull Stat Membri billi:

- ġie ddefinit il-proporzjon ta' kull sors ta' spiża identifikat b'paragun mal-ispiża kollha tal-proċedimenti ġudizzjarji ċivili,
- ġew ipparagunati l-ispejjeż li kellhom il-partijiet għal kawża fi Stati Membri differenti,
- ġew identifikati l-varjazzjonijiet fis-sorsi tal-ispejjeż u fl-ammonti tal-ispejjeż,
- ġie identifikat kif it-trasparenza tal-ispejjeż tal-proċedimenti ġudizzjarji u l-limitazzjoni tad-differenzi fis-sorsi tal-ispejjeż u fl-ammonti tal-ispejjeż jistgħu jrawmu aċċess ikbar għall-ġustizzja,
- saru rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet possibbli fuq il-livell tal-UE, possibbilment billi jiġu stabbiliti standards minimi, ħalli jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja billi tittejjeb it-trasparenza tal-ispejjeż tal-ġustizzja ċivili,
- b'mod ġenerali, jiġu identifikati l-konnessjonijiet, fejn ikun xieraq u rilevanti, bejn l-ispejjeż tal-ġustizzja u l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini, u
- jiġu idenifikati kwistjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mat-tilwim transkonfinali.

L-istudju jipprovdi stampa ġenerali tas-sitwazzjoni fl-Unjoni Ewropea f'mument partikolari – Diċembru 2007.

### Dokumenti relatati

[Studju dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż tal-Proċedimenti Ġudizzjarji Ċivili fl-UE](#)  (2615 Kb)  - Verżjoni bl-Ingliż

[Studju dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż tal-Proċedimenti Ġudizzjarji Ċivili fl-UE](#)  (2665 Kb)  - Verżjoni bil-Franċiż

[Anness 1: Riżultati tal-kwestjonarju pubbliku](#)  (1700 Kb) 

[Rapport nazzjonali - Il-Belġju](#)  (829 Kb) 

[Rapport nazzjonali - Il-Bulgarija](#)  (566 Kb) 

[Rapport nazzjonali - Ir-Repubblika Ċeka](#)  (703 Kb) 

- [Rapport nazzjonali - Id-Danimarka](#) (560 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Ġermanja](#) (565 Kb)
- [Rapport nazzjonali - L-Estonja](#) (872 Kb)
- [Rapport nazzjonali - L-Irlanda](#) (400 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Greċja](#) (849 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Spanja](#) (640 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Franza](#) (1312 Kb)
- [Rapport nazzjonali - L-Italja](#) (772 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Ċipru](#) (555 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Latvja](#) (742 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Litwanja](#) (950 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Lussemburgu](#) (551 Kb)
- [Rapport nazzjonali - L-Ungerija](#) (533 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Malta](#) (742 Kb)
- [Rapport nazzjonali - L-Olanda](#) (702 Kb)
- [Rapport nazzjonali - L-Awstrija](#) (829 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Polonja](#) (396 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Portugall](#) (781 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Ir-Rumanija](#) (544 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Is-Slovenja](#) (723 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Is-Slovakkja](#) (872 Kb)
- [Rapport nazzjonali - Il-Finlandja](#) (504 Kb)
- [Rapport nazzjonali - L-Isvezja](#) (457 Kb)

---

L-aħħar aġġornament: 16/02/2021

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.